MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH GALEA DEBONO

Seduta tad-29 ta' Marzu, 2006

Appell Kriminali Numru. 3/2006

**Il-Pulizija**
**Vs**

**Joseph Ciscaldi**

**Il-Qorti;**

**Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fl-14 ta' Gunju, 2004, ghall-habta tal-15.10 hrs, fi Triq Qrejten, Pieta', u fix-xhur ta' qabel f'dawn il-Gzejjer,**
**1) gieghel, halla jew ippermetta lil Maria Dolores Cassar issuq vettura nru. FDK-051 minghajr ma kellha licenzja mehtiega biex issuq l-imsemmija vettura,**
**2) b'hekk ma kienitx koperta b'polza tas-sigurta' dwar ir-riskji tat-terzi persuni.**

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tad-9 ta' Jannar, 2006, li biha,

wara li rat l-Artikolu 15(1)(c) Kap. 65 u l-Artikolu 3(1) Kap. 104, sabet lill-imputat hati w ikkundannatu ghall-hlas ta' multa ta' tlettin lira Maltin (LM30) fuq l-ewwel akkuza w multa ta' elf lira Maltin (LM1000) fuq it-tieni akkuza.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fis-17 ta' Jannar, 2006, li bih talab li din il-Qorti joghgobha thassar u tikkancella s-sentenza appellata w minflok tilliberah minn kull htija w piena.

**Fliet l-atti kollha processwali.**

Rat illi l-aggravji tal-appellant huma s-segwenti w cioe' li l-Ewwel Qorti ghamlet interpretazzjoni skorretta w inkompleta tal-Ligi meta sabet lill-appellant hati tat-tieni imputazzjoni u dan semplicement ghaliex , fi kliem l-istess Qorti huwa *"…kien il-persuna responsabbli mill-gestjoni tan-negozju de quo."* Li l-artikolu 3 (1) tal-Kap. 104 jitkellem dwar *"…kemm il-darba ghall-uzu tal-vettura …minnu jew minn dik il-persuna l-ohra…ma tkunx issehh polza ta' sigurta'…"*. Dawn il-kliem dejjem gew interpretati fil-gurisprudenza li wiehed irid jara min hu l-*"authorised driver"* ghal finijiet tal-polza u fil-prassi tal-assikuirazzjoni tal-vetturi bil-mutur f' Malta *"authorised driver"* dejjem gie ritenut li trid tkun persuna jew (i) li ghandha licenzja tas-sewqan jew (ii) li kellha licenzja tas-sewqan u mhix skwalifikata milli jkollha jew li tikseb licenzja. Persuna li m'ghandhiex licenzja ghax skaditilha izda li ma hix skwalifikata milli jkolha licenzja jew li tikseb licenzja, tkun koperta bil-polza ghall-finijiet tal-Artikolu 3 (1) tal-Kap.104. F' dal-kaz Maria Dolores Cassar ma kienetx persuna li jew qatt ma kellha licenzja tas-sewqan jew li kienet skwalifikata milli jkollha jew tikseb tali licenzja. L-appellant lanqas kellu jinstab hati tal-ewwel imputazzjoni ghall-istess ragunijiet peress illi kif gie pruvat, fil-mumernt meta hu kera l-vettura lil Cassar, hija kellha licenzja tas-sewqan valida . Dak li gara wara dak il-hin ma jista' qatt ikun imputabbli lilu.

**Semghet ix-xhieda mill-gdid waqt l-udjenza tas-16 ta' Frar, 2006;**

**Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;**

**Rat l-ordni taghha biex il-kawza tigi rikjamata ghas-seduta tal-lum ghas-sentenza;**

**Ikkonsidrat;**

**Illi x-xhieda mismugha mill-gdid minn din il-Qorti jistghu jigu riassunti kif gej :-**

PS 768 SILVIO BRINCAT **xehed li fl-14 ta' Gunju, 2004, waqt li kienu qed jinvestigaw rapport dwar frodi allegatament kommess minn certa Maria Dolores Cassar, sabu li din kellha d-*driving licence* taghha *expired* u li kienet qed issuq karozza mikrija minnghand l-appellant . Il-licenzja taghha kienet skadiet fis-6 t' April, 2003 u baqghet sal-lum mhux imhallsa.**

BRIAN FARRUGIA **xehed in rapprezentanza tal-Licencing and Testing Department u qal li mir-ricerka li ghamlu dwar din Maria Dolores Cassar li ghandha n-numru tal-karta tal-identita' 350551M, irrizulta li hi kellha licenzja ta' grupp B pero' din skaditilha fis-6 t' April, 2003 u ghadha hekk skaduta sal-lum.**

**L-appellant li xehed quddiem l-Ewwel Qorti, (fol. 9) ghazel li ma jixhidx quddiem din il-Qorti ;**

**Illi mill-kopja tar-Rental Agreement esebit a fol. 2 jirrizulta li id-ditta Butterfly Car Hire – Prop. Joe Ciscaldi , kriet lil Ms. Mary Doris Cassar il-car numru FBK 572, Kia Pride, fil-15 ta' Lulju, 2003 u din il-kirja kellha tigi terminata fit-28 tal-istess xahar.**

**Ikkonsidrat ;**

Illi meta saret il-kirja fil-15 ta' Lulju, 2003, il-licenzja ta' Maria Dolores Cassar kienet diga skadiet u ma gietx imgedda . Kien id-dmir tal-appellant, bhala sid il-vettura, li, qabel jikrilha l-car, jivverifika jekk hi kellhiex licenzja tas-

sewqan vigenti. Dan jew ma ghamlux jew, jekk ghamlu w sab li l-licenzja kienet gja skadiet, iddecieda li xorta wahda jikrilha anki jekk kien jaf jew suppost kien jaf li l-licenzja tas-sewqan taghha ma kienetx giet renovata. Kull kif, hu jkun naqas milli josserva l-obbligu impost fuqu mil-ligi fl-artikolu 15 (1) (b) tal-Kap.65.

**Kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta (per V. De Gaetano J.) fil-kawza** “Il-Pulizija vs. Paul Zammit” **[25.8.1995], hu evidenti li meta persuna ma ggeddidx il-licenzja tas-sewqan, hi ma tistax issuq vettura bil-mutur f’ xi wahda mill-kategoriji li ghaliha tirriferi dik il-licenzja u, jekk taghmel hekk, tkun passibbli taht l-artikolu 15 (1)(a). Fi kliem iehor, jekk persuna li ghandha licenzja tas-sewqan ma ssegwix il-procedura indikata fir-Regolament 53 (2) tat-Motor Vehicle Regulations (jigifieri li tinforma lill-Kummissarju tal-Pulizija jew lill-Awtorita’ dwar it-Trasport Pubbliku, qabel l-iskadenza tal-licenzja, li mhix bi hsiebha ssuq vettura bil-mutur u tikkonsenja l-istess licenzja lill-imsemmi Kummissarju jew Awtorita’) dik il-persuna tista’ tigi imharrka talli naqset li ggedded il-licenzja tas-sewqan. Jekk pero’ , oltre li naqset li ggedded il-licenzja , dik il-persuna ssuq ukoll meta dik il-licenzja ma tkunx ghadha giet imgedda allura titqies, ghall-finijiet tal-art. 15(1) (a) li saqet karozza minghajr licenzja tas-sewqan.**

**Fil-kaz in ezami ugwalment min allura jhalli jew jippermetti li *motor car* jew vettura ohra tieghu tinsaq minn persuna li ma jkollhiex licenzja mehtiega biex issuq *motor car* jew vettura ohra, kif provvdut fis-sub-sub artikolu (b) tal-artikolu 15 (1) tal-Kap.65, ikun passibbli taht dan is-sub-sub artikolu ghall-proceduri kriminali. Ergo l–aggravju tal-appellant dwar l-ewwel imputazzjoni hu nfondat u qed jigi respint.**

**Pero’ dan mhux l-istess ghar-rigward tat-tieni imputazzjoni ghaliex kif gie ritenut fl-istess sentenza appena citata, l-kwistjoni ta’ nuqqas ta’ tigdid tal-licenzja, pero’ tista’ taghmel differenza ghal dak li jirrigwarda r-reat kontemplat fl-artikolu 3 (1) tal-**

**Kap.104. Fuq dan il-punt dik il-Qorti qalet li kellha diga opportunita' li tippronunzja ruha fis-sentenza taghha fl-ismijiet** "Il-Pulizija vs. John Cilia" **[15.12.1994] Hemm kienet spjegat li l-Artikolu 3 (1) jitkellem dwar "*kemm il-darba ghall-uzu tal-vettura…minnu jew minn dik il-persuna ma tkjunx issehh polza ta' sigurta'…*" Dan ifisser li wiehed irid jara min hu l-*"authorised driver"* ghall-finijiet tal-polza u, fil-prassi tal-assikurazzjoni tal-vetturi bil-mutur f'Malta *"authorised driver"* dejjem gie ritenut li trid tkun persuna jew (i) li ghandha licenzja tas-sewqan jew (ii) li kellha licenzja tas-sewqan u mhux skwalifikata milli jkollha jew tikseb tali licenzja. Ghalhekk persuna li per ezempju, m' ghandhjiex il-licenzja ghax tkun skaditilha izda li mix skwalifikata milli jkollha jew tikseb tali licenzja, tkun koperta bil-polza ghall-finijiet ta' l-artikolu 3 (1) salv dejjem prova kontrarja. Jinkombi ghalhekk fuq il-prosekuzzjoni, f' kaz ta' akkuza taht l-artikolu 3 (1) tal-Kap.104, li tipprova mhux biss li fil-mument meta l-akkuzat inqabad isuq hu ma kellux licenzja tas-sewqan, izda li qatt ma kellu tali licenzja jew altrimenti li hu skwalifikat milli jkollu jew jikseb tali licenzja, jew, jekk xi darba kellu licenzja tas-sewqan , li l-polza relattiva ghal dik il-vettura ma kinetx tkoprieh.**

**Issa fil-kaz in ezami, mill-provi tal-prosekuzzjoni xejn minn dan ma gie pruvat u ladarba mill-istess provi jirrizulta li effettivament Maria Dolores Cassar kellha licenzja tas-sewqan, ghalkemm din kienet skadiet xi sena qabel, fid-dawl ta' din il-gurisprudenza citata, t-tieni imputazzjoni ma gietx pruvata.**

**Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa' l-appell limitatament billi tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn sabet lill-appellant hati tal-ewwel imputazzjoni w kkundannatu tletin lira multa fuq din l-imputazzjoni, u tirrevokaha in kwantu sabet lill-appellant hati tat-tieni imputazzjoni w ikkundannatu ghall-multa ta' LM1000 billi minnflok tilliberah minn din l-imputazzjoni w l-piena relattiva.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------